MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta ta' l-20 ta' April, 2004

Ċitazzjoni Numru. 64/2004

**Michael Debono Limited**

**vs**

**Paul u Catherine Micallef**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha s-socjeta` attrici, wara li qalet:

Illi l-konvenuti huma debituri in solidum bejniethom fil-konfront tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' hamest elef, disa' mija u erba' liri Maltin (Lm5,904) oltre l-imghax legali u dan a tenur ta' hamsa u tletin kambjala iffirmati mill-konvenuti ('Dok MDL1' sa 'Dok MDL 35') ghall-prezz ta' vettura Toyota Dyna (Reg. Nru. KAT050) mibjugha u kkonsenjata lill-konvenuti mis-socjeta' attrici, liema kambjali huma kollha skaduti izda mhux imhallsa;

Illi minkejja illi gew interpellati kemm-il darba sabiex jaghmlu dawn il-pagamenti dovuti nkluz b'ittra ufficjali datata 12 ta' Settembru, 2003 (Dok 'B') il-konvenuti baqghu inadempjenti;

Illi l-ammont fuq imsemmi ta' hamest elef, disa' mija u erba' liri Maltin (Lm5,904) dovut a tenur ta' dawn il-kambjali huwa cert, likwidu u dovut u l-konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu ghat-talbiet tas-socjeta' attrici; u

Illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha mehtiega skond l-Artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 16) sabiex il-Qorti tghaddi biex tiddeciedi bid-dispensa tas-smigh;

Talbet illi din il-Qorti:

1. tiddeciedi skond it-talba attrici bid-dispensa tas-smigh tal-kawza
skond l-artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili
(Kap. 12);

2. tikkundanna lill-konvenuti in solidum bejniethom sabiex ihallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' hamest elef, disa' mija u erba' liri Maltin (Lm5,904) oltre l-imghax legali rapprezenanti somma dovuta a tenur ta' hamsa u tletin kambjala iffirmati mill-konvenuti ('Dok MDL1' sa Dok MDL35') liema kambjali huma kollha skaduti izda mhux imhallsa; u

3. bl-ispejjez inkluz ta' l-ittra ufficjali data 12 ta' Settembru, 2003, kif ukoll tal-mandat ta' qbidipprezentat kontestwalament mac-citazzjoni.

Rat ukoll l-*affidavit* mahluf minn Paul Formosa u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lill-konvenuti fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, baqa’ ma deher hadd ghall-konvenuti.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta’ l-kawza billi fil-kontumacja tal-konvenuti tilqa’ t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------